MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 840/2010

**Michael Muscat**

**Vs**

**Direttur Ufficcju Kongunt**

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob li jigi dikjarat li l-kirja li ghandu ta' zewg porzjonijiet art bin-numru 1 u 7 fl-inhawi maghrufa ta' Lebbien , Gudja tinkludi wkoll parti minn razzett. Qieghed jitlob ukoll li l-qorti tordna li fir-ricevuta ta' hlas tkun issemmi wkoll parti mir-razzett.
Il-konvenut wiegeb permezz ta' riposta guramentata prezentata fis-27 ta' Ottubru 2010 u ddikjara li:-
1. Skond it-taghrif li nghata mill-Kurja ta' Malta, il-hlas li jaghmel l-attur jirreferi ghal zewg porzjonijiet art (numru 1 u 7) u l-kumplament hu mqabbel ghand terzi.
2. Hemm qbil li fuq l-art maghruf ta' Lebbien hemm razzett, izda dan m'huwiex fil-porzjon art imqabbla ghand l-attur. Madankollu ghadhom qeghdin isiru verifiki peress li

jista' jkun li l-gabillotti kollha li ghandhom l-artijiet ta' Lebbien imqabbla lilhom kienu jhallsu parti mill-qbiela sabiex ikollhom dritt juzaw ir-razzett in kwistjoni.
3. Ghalhekk il-konvenut ser jirregola ruhu fir-rigward tal-pretensjonjiet tal-attur u jaghti taghrif ulterjuri waqt is-smigh.

Mill-provi rrizulta li Carmelo Muscat kien ihallas qbiela ta' Lm6 kull sena ghaz-zewg ghelieqi u Lm1 bhala kera tar-razzett. Mid-deposizzjoni tal-attur, iben l-attur, jirrizulta li missier kienu jaghmel uzu minn parti mir-razzett (ara affidavit prezentat fit-2 ta' Frar 2011 fejn hemm spjegat liema parti mir-razzett jaghmel uzu minnu). Jirrizulta li meta l-kera bdiet tithallas lil certu Kanonku Dun Vincenz Fenech, fir-ricevuti tal-hlas ma baqax jissemma r-razzett. Sussegwentement il-proprjeta ghaddiet fl-ufficcju tal-proprjeta tad-Djocesi ta' Malta, u f'dak iz-zmien ukoll fir-ricevuti ma kienx jissemma r-razzett. M'huwiex jigi kkontestat li f'xi zmien il-kirja kienet tinkludi parti mir-razzett, madankollu l-konvenut qieghed isostni li skond it-taghrif li nghata mill-Kurja, Carmelo Muscat u s-successuri tieghu jikru zewg porzjonijiet u m'hemmx inkluz partijiet mir-razzett.

F'ittra datata 16 ta' April 2008 mibghuta mill-ufficcju tal-proprjeta tal-Arcidjocesi ta' Malta lill-avukat tal-Ufficcju Kongunt jinghad li: *'although past receipts up to 1963 shows that part of the payment was for we presume part of the farmhouse. After that year the receipts were issued as payment for Lm7 for the field. That is the reason why when the administration was passed on to the Curia the receipts continued to be issued as on the field only. At this stage we are not in a position to state whether the amount of Lm7 covers part of the farmhouse* ***<u>but we sincerely think that this is the case.</u>****'*. Ghalhekk jidher li d-Djocesi stess kienet qeghda tifhem li fis-somma ta' Lm7 hemm inkluza parti mill-kirja tar-razzett. Fil-fatt ma tressqux provi li:-
i. F'xi zmien l-inkwilin jew successuri tieghu kienu rrinunzjaw ghad-dritt lokatizju fuq parti mir-razzett. Il-fatt li r-razzett ma baqghax jissemma fir-ricevuti ma jfissirx li l-kirja fir-rigward tar-razzett kienet giet terminata. Kieku l-

affarijiet graw b'dan il-mod wiehed kien jistenna li kienet titnaqqas il-kera u mhux li tibqa' tithallas is-somma ta' Lm7 fis-sena.

ii. Kien hemm xi revizjoni tal-qbiela li tithallas fuq ir-raba'. Ghalhekk gialadarba mill-provi jirrizulta li l-qbiela fuq ir-raba baqghet ta' Lm6, il-logika tghidlek li l-lira zejda kienet qeghda tithallas bhala kera fir-rigward tar-razzett.
Id-dokumenti li pprezenta l-konvenut fis-7 ta' Frar 2012 ma jikkonvincux lill-qorti li Muscat m'ghandux drittijiet lokatizji fuq ir-razzett.
**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet u tilqa' t-talbiet tal-attur billi:-**
**1. Tiddikjara li s-somma ta' Lm7 li ta' kull sena l-attur qieghed ihallas lill-Ufficcju Kongunt, tinkludi l-kirja ta' parti mir-razzett li hemm fl-inhawi ta' Lebbien sive ta Leganu, Gudja.**

**2. Tordna lill-konvenut sabiex fir-ricevuti tal-hlas jindika l-hlas li jirrelata wkoll ghall-kiri ta' parti mir-razzett li hemm fl-inhawi ta' Lebbien.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.
**Ghal kull buon fini qieghed jigi dikjarat li din is-sentenza qeghda tinghata bla pregudizzju ghal xi jeddijiet personali ta' terzi fuq l-istess razzett**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------